

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15020/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0201(NLE)

TRANS 728
RELEX 1567

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 11038/22 + COR 1 ST 10422/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq – Adozzjoni

1. Fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni rċeviet mandat li skontu l-Kummissjoni fetħet negozjati mar-Repubblika tal-Moldova biex tikkonkludi Ftehim dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-imsemmija negozjati.
2. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova. Il-Kunsill adotta d-deċiżjoni tiegħu għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fis-27 ta' Ġunju 2022. Il-Ftehim ġie ffirmat fid-29 ta' Ġunju 2022 u beda japplika b'mod proviżorju minn dakinhar.
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-7 ta' Lulju 2022¹.

¹ *ĠUL 181, 7.7.2022, p. 1.*

4. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova.
 5. Fis-27 ta' Lulju 2020, il-Kunsill baġat id-Deċiżjoni tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
 6. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fl-10 ta' Novembru 2022.
 7. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif tinsab fid-dokument 11052/22.
 8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill bil-lingwi kollha, f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u tintbagħtlu d-Deċiżjoni.
-